MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 776/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Norman Galea**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Norman Galea ta’ 31 sena, bin Francis u Annunziata nee’ Deguara, mwieled nhar il-15 ta’ Settembru 1974, Pieta’ u residenti Sardinella, Triq ir-Rattan, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ numru 440274M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar il-5 ta’ Awissu 2006 fil-Mellieha kkommetta serq ta’ affarijiet ta’ valur aktar minn Lm50 u inqas minn Lm100 ghad-detriment ta’ terzi persuni.

2. Sar recidiv a terminu ta’ diversi sentenzi li saru definittivi fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Awwissu 2006 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta’ Awwissu 2006 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat serq ta’ zewg basktijiet propjeta’ ta’ koppja Russa li kienu hawn Malta ghall-btala u kienu fuq il-bajja tal-Ghadira. Mill-provi rrizulta li dawn iz-zewg persuni ta’ nazzjonalita’ Russa (Marian Sruskano u Dennis Strokanov li t-tnejn li huma xehdu waqt l-udjenza tal-5 ta’ Awwissu 2006) proprju fil-5 ta’ Awwissu 2006, ghall-habta tal-10.30am marru fuq il-bajja tal-Ghadira fejn qeghdu iz-zewg basktijiet taghhom flimkien max-xugamani taht umbrella fuq il-bajja u mbaghad nizlu jghumu. Meta huma telghu mill-bahar mara Ngliza, certu Irene Clemour li xehdet fl-udjenza tal-11 ta’ Awwissu 2006, qaltilhom li l-boyfriend taghha Michael Bryant li wkoll xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta’ Awwissu 2006, kien gera wara ragel li kien hadilhom il-basktijiet u hija indikatilhom fejn kien dan ir-ragel li kien qed jinzamm milli jitlaq mill-imsemmi Michael Bryant. Il-koppja Russa xehdu li huma sabu il-basktijiet taghhom fuq bank hdejn dan ir-ragel li identifikaw bhala l-imputat u vverifikaw li ma kien hemm xejn nieqes. Huma spjegaw li fil-basktijiet kellhom zewg mobile phones, xi ikel, il-hwejjeg taghhom u Lm30. Irene Clemour xehdet li hija kienet rat lil koppja Russa jaslu fuq il-bajja, jhallu l-affarijiet

taghhom u jinzlu jghumu u wara ftit rat ragel niezel minn fuq ir-rampa mat-triq u jiehu l-basktijiet taghhom. Hija gibdet l-attenzjoni tal-boyfriend taghha dwar dan il-fatt u huwa mar jigri wara dan ir-ragel u waqfu. Michael Bryant kkonferma li huwa kien gera wara dan ir-ragel, waqfu u staqsih il-ghala kien ha dawk il-basktijiet u qal li r-ragel kien qallu li l-basktijiet kienu ta’ hbieb tieghu u huwa ghalhekk talbu sabiex jistenna ftit sabiex jivverifika jekk effettivament il-proprjetarji tal-baskett kienux hbieb tieghu. Bryant xehed li dan ir-ragel prova ghal aktar minn darba jitlaq minn fuq il-post izda huwa bl-ghajnuna ta’ xi nies ohra zammewh fuq il-post sakemm cemplu lil Pulizija u dawn tal-ahhar gew fuq il-post. La Bryant u l-anqas Clemour ma kienu f’posizzjoni li jiddentifikaw lill-imputat bhala l-persuna lli raw tiehu l-basktijiet ghaliex huma qalu li dakinhar dan ir-ragel kien liebes kappell u nuccali tax-xemx u ghalhekk ma setghux jgharfuh. Clemour izda qalet li hija kienet indikat lill-koppja Russa r-ragel li kienet rat jehdilhom il-basktijiet u kif intqal aktar il-fuq l-istess koppja Russa t-tnejn identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li sabu mar-ragel li kien gera warajh bil-basktijiet taghhom fl-pussess tieghu.. Inoltre PC 800 Jason Mercieca (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 39 sa 41 tal-process) identifika lill-imputat bhala l-persuna li huwa sab fuq il-post ma Michael Bryant wara li rcieva telefonata mill-Control Room li kienet saret serqa minn fuq il-bajja tal-Ghadira u qal li l-imputat gie indikat lilu minn Michael Bryant bhala l-persuna li kien ha l-basktijiet.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 11 tal-process) fejn huwa jsostni li fil-gurnata u hin in dizamina huwa kien qed jghum fil-bajja tal-Ghadira u meta tela’ mill-bahar qabad baskett bi zball ghaliex haseb li kien tieghu u meta kien miexi lejn il-vettura tieghu mar jigri warajh ragel Ingliz u qallu li l-baskett ma kienx tieghu u malli fetah l-imsemmi baskett nduna li dan effetttivament ma kienx tieghu u ried jaghti dan il-baskett lura izda r-ragel Ingliz beda jinsisti li jingabu l-Pulizija fuq il-post. L-imputat qal li huwa kellu c-cwievet tal-vettura fuqu meta nizel fil-bahar ghaliex huwa ma kienx qed jghum imma kien qed jaghmel l-ezercizzju fil-bahar.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bis-serq ta' oggetti li jiswew anqas minn Lm100 u jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv. L-akkuza ta' serq tirrizulta ampjament pruvata fil-konfronti tal-imputat stante lli kif inghad fil-paragrafu precedenti huwa nqabad fil-fatt u gie debitament identifikat mill-propjetarji tal-basktijiet. Ir-ragunijiet moghtija mill-imputat il-ghala huwa nstab fil-pussess tal-basktijiet propjeta' tal-koppja Russa huma ghal kollox inverosimili u ma jistghux jitwemnu minn din il-Qorti.

L-akkuza ta' recidiva ukoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-ligi stante li a fol. 52 sa 61 gew esebiti kopji ta' zewg sentenzi moghtija fil-konfronti tal-imputat u ngabet ukoll id-debita prova tal-identita' in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg sentenzi moghtija fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Socal Inquiry Report inserit a  fol. 102 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat fiz-zmien li kkommetta r-reat li tieghu ser jinstab hati kellu problema ta' abbuz mid-droga izda llum il-gurnata huwa ttermina b'success programm ta' rijabilitazzjoni u jinsab integrat fis-socjeta' ghaliex ghandu impjieg stabbli u huwa bniedem produtttiv fis-socjeta'. Dan kollu gie ukoll ikkonfermat minn Ray Grech il-Head tad-Drug Rehabiltation Unit fi hdan is-Sedqa li xehed fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2010 fejn dan apparti li kkonferma li l-imputat kien ittermina b'success assolut il-programm ta' rijabiltazzjoni kontra d-droga qal ukoll li l-istess imputat ghalkemm ma kienx obligat li jaghmel dan ghadu jmur b'mod regolari jitkellem u jikkonsulta mieghu. Tenut kont ta' dan kollu, tenut kont tal-fatt li r-res furtiva giet irkuprata kif ukoll tenut kont tal-valur minimu tal-oggetti misruqa, l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex tiddisturba l-progress li ghamel l-imputat u li fic-cirkostanzi jkun opportun li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------